**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**vs**

**William Parnis**

**Illum, 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**William Parnis, bin Bartholomew u Carmela Dowling, m/B'Bugia, fi 29/04/1956, ta' 24 Triq B'Bugia, B'Bugia, ID No: 319956(M)**

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju 2023 ghall-habta ta' 08:00hrs, gewwa Triq il-Brolli, B'Bugia u fl-inhawi tal-madwar:

1. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi klliem jew b'mod iehor lil Robert Ciantar b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2. Volontarjament, ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2024 l-prosekuzzjoni iddikjarat li ser tistrieh fuq il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda argment bejn Robert Cinatar li allegatament sehh nhar it-18 ta' Gunju 2023 fejn allegatament wara li l-kelb tal-kwerelant dahal fl-ghalqa tal-imputat minghajr permess, dan tal-ahhar qallu li jekk jerga' jidhol jispara ghal kelb u jibqa' ghaddej bihom. Jghid li l-imputat baqa' jikkustinja u b'hekk il-kwerelant mar l-ghassa.

**Ikkunsidrat:**
**Provi.**

[1] Folio 1 tal-process.

[2] Folio 17 tal-process.

Xehed **PC 765 P. Vella Cassia** fejn qal li fit-18 ta' Gunju 2023 gie l-kwerelant Robert Ciantar fejn qal li l-kelb tieghu kien dahal fl-ghalqa ta' l-imputat ghax kien hemm hajt li ghadu ma giex irrangat. Jghid li William pprova jkecci l-kelb u l-kelb bl-isem ta' Lucky nebahlu lura u f' dak il-hin l-imputat qallu 'tergax ddahhal l-kelb ghax nispara ghalih u nibqa' ghaddej bikom'. Isostni li l-imputat baqa' jikkustinja u ghalhekk Ciantar gie l-ghassa. Ciantar qal lill-imputat li jekk l-kelb ghamillu xi hsara kien lest li jhalsu.[3]

Skond il-kwerelant waqt l-incident kien hemm il-hin kollu mieghu missieru Emanuel Ciantar.

Xehed **PS 1405 D. Gerada** linqal li nhar it-23 ta' Gunju 2023 sar kuntatt mal-imputat u wara li nghata d-drittijiet tieghu huwa irrilaxxa stqarrija.[4] Hu ikkonferma li ra l-kelb u tgerfex. Beda jinbah u beda riesaq lejh. Jghid li jissuspetta li ghajtulu, jghid li telaq jigri biex jahrablu u qabad kanna biex il-kelb ma jweggghux. Mar irrabjat biex ikellimhom u qal lil Robert biex lill-kelb ma jahhlihx jigri. Jichad li semma xi sparar u armi pero' qallu li kien ser jimbottah.

Xehed **Robert Ciantar** nhar l-14 ta' Gunju 2023 fejn ikkonferma l-incident tal-kelb u li hu gie mhedded mill-imputat li kien ser jispara lill-kelb u lilu. Infatti hu waqt ix-xhieda tieghu qal is-segwenti:

**Xhud : Mhux għax wara qalli dak il-kliem, għax jiena lil Willy offrejtlu jekk il-kelb għamel ħsara lest inħallasha. Il-Willy kont offrejtlu ħafna żmien qabel ukoll biex ngħinu jiena bl-inġenji tiegħi u nibnuh il-ħajt. Mort nagħmel ir-rapport, għax jiena ma, m'inhiex ħa ninsa' l-ħbiberija li kien hemm qabel ta' ma'**

---

[3] Folio 2 tal-process.

[4] Folio 4 tal-process.

**Willy Parnis, lanqas xejn ma jien ħa ninsa. Imma Willy kull darba jasal f'konklużjoni għax nispara l-kelb, u f'sekonda nagħmel ħafna affarijiet u. Dan it-tip ta', u ilu sejjer bih. Dan minħabba li missieri kien jagħti l-għalqa biex jinħaraq in-nar tal-festa. U din kull darba tweġġgħani.**

**Żammejt lura ħafna drabi, ħafna drabi żammejt lura u ma mortx nagħmlu qatt rapport ..........................................................................................**

**Xhud: Id-diskors kien, qalli jien jekk qalli nispara qalli darb'oħra nispara lil kelb qalli u ma noqtolx il-kelb biss.**

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-arikolu 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hija ta' natura kontravenzjonali.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Lee Borg[5]:**

**"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). <u>Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala</u>**

[5] Per Onor. Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Gunju, 2016

**<u>kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.</u>**[6]

**Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid" issir riferenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Frendo, fejn il-Qorti nterpretat il-kelma theddida bhala biza t'aggressjoni futura:**

**B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Frendo, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. …..**

**F'sentenza ohra Il-Pulizija vs Mario Camilleri gie deciz:**

**Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo' it-theddid ifisser li agent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta.**

**'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodici, e.ż. l-**

[6] Emfasi ta' din il-Qorti.

**artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll pprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent.'**

**F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk: 'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr.W.Harding 'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.' 25 ta' Gunju 1952. 62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949).**

**Minn naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li gej dwar il-minaccja: 'e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace..' Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre). Per Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Lawrence Quintano. Deciza 30 ta' Settembru, 2009; Numru 1181/2006**

**Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet: Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono**

**capace'". Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit ex admissis tghid li hi ma bezetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel. Illi fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.**[7]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ma thossx li ma ghandix temmen lill-kwerelant meta qal diversi drabi kemm waqt ix-xhieda tieghu kif ukoll a tempo vergine waqt li mar jirraporta lill-pulizija li l-imputat qallu li kien ser jispara ghall-kelb u wara jkompli jispara ghal fuqhom. B'hekk il-Qorti tqis li z-zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizultaw. B'dak li qal l-imputat holoq biza' reali f'mohh Ciantar li dak il-hin jew fil-futur l-imputat seta' jaghmillu d-deni. Minghajr dubbju kien hemm ksur tal-buon ordni pubbliku. Ghalkemm kien hemm provokazzjoni passiva minn-naha ta' Ciantar, peress li dan ta' l-ahhar messu kien jaf li l-kelb kellu jinzamm bic-cinga ladarba ma kienx hemm attivita' ta' kacca ghaddejja, izda l-imputat naqas meta uza dak l-kliem fil-konfront ta' tieghu.

Il-Qorti tqis illi ghandha taghti ukoll piz ghall-fatt illi t-theddida ma kinitx li se jfajjarlu xi daqqa ta' ponn, jew iwaddablu l-gebel, izda kienet theddida li se juza arma fil-konfront tal-kelb u tal-kwerelant u familtu.

**Decide:**

---

[7] Pagna 5 sa 7 tas-sentenza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  qed issib lill-imputat **WILLIAM PARNIS HATI** tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur minn meta din is-sentenza issir res judicata u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan qed tobbliga lill-imputat biex bl-ebda mod ma javvicina, jkellem jew jimmolesta lil Robert Ciantar ghal perjodu ta' sena minn meta din is-sentenza ssir res judicata taht penali ta' elf Ewro (€1,000) u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

**Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, u jekk huwa jikser l-Obbligazzjoni imposta fuqu.**

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur